Nru./No. 18,490
Prezz/Price
€6.15

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2009
Tuesday, 6th October, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 12,491 - 12,496
Government Notices ..... *12,491 - 12,496*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 12,496 - 12,526
Employment Opportunities ..... *12,496 - 12,526*

Avviżi tal-Gvern ..... 12,526 - 12,553
Notices ..... *12,526 - 12,553*

Offerti ..... 12,553 - 12,593
Tenders ..... *12,553 - 12,593*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,594 - 12,618
Court Notices ..... *12,594 - 12,618*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 766

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XVI tal-2009 imsejjaħ l-Att tal-2009 li jemenda l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

Is-6 ta' Ottubru, 2009

Nru. 767

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 33 imsejjaħ Att tal-2009 li jemenda l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi.

Is-6 ta' Ottubru, 2009

Nru. 768

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,487 u 18,489 tad-29 ta' Settembru u t-2 ta' Ottubru 2009 rispettivament.

A.L. Nru. 254 tal-2009: Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217); Ordinanza dwar id-Drittijiet (Kap. 35); Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni (Drittijiet li jitħallsu dwar Permessi għal Residenza u Liċenzi għal Impieg).

A.L. Nru. 255 tal-2009: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Regolamenti tal-2009 dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali.

A.L. Nru. 256 tal-2009: Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap. 430); Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prodott għall-Ħarsien tal-Pjanti (Emenda Nru. 4).

GOVERNMENT NOTICES

No. 766

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XVI of 2009 entitled the Local Councils' (Amendment) Act, 2009.

6th October, 2009

No. 767

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 33 entitled the Land Acquisitions (Public Purposes) Ordinance (Amendment) Act, 2009.

6th October, 2009

No. 768

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,487 and 18,489 of the 29th September and the 2nd October 2009 respectively.

L.N. No. 254 of 2009: Immigration Act (Cap. 217); Fees Ordinance (Cap. 35); Immigration (Residence Permits and Employment Licences) (Fees) (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 255 of 2009: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils (Tendering) Regulations, 2009.

L.N. No. 256 of 2009: Pesticides Control Act (Cap. 430); Plant Protection Products (Amendment) (No. 4) Regulations, 2009.

A.L. Nru. 257 tal-2009: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli tal-2009 dwar il-livelli massimi inevitabbli ta' Koċċidijostati jew Istomonostati li jistgħu jibqgħu jidhru f'għalf mhux immirat għall-użu b'dawn il-mediċini.

L.N. No. 257 of 2009: Veterinary Services Act (Cap. 437); Maximum levels of unavoidable carry-over of Coccidiostats or Histomonostats in non-target feed rules, 2009.

A.L. Nru. 258 tal-2009: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Università, 2009.

L.N. No. 258 of 2009: Education Act (Cap. 327); University Fees Regulations, 2009.

Is-6 ta' Ottubru, 2009

6th October, 2009

Nru. 769

MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U INVESTIMENT

Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Proprjetà tal-Gvern)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artiklu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Alfred Bezzina bħala Direttur Ġenerali (Propjetà tal-Gvern) fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment b'seħħ mis-17 ta' Diċembru, 2009.

Is-6 ta' Ottubru, 2009

No. 769

MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT

Appointment of Director General (Government Property)

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Alfred Bezzina, as Director General (Government Property) in the Ministry of Finance, the Economy and Investment with effect from 17th December, 2009.

6th October, 2009

Nru. 770

ĦATRA TA' DIRETTURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lil dawn l-uffiċjali pubbliċi kif jidher hawn taħt:

No. 770

APPOINTMENT OF DIRECTORS

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed the undermentiond public officers as shown hereunder:

		Data Effettiva *Effective Date*
MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-AFFARIJIET RURALI *MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS*		
Dr Andreina Fenech Farrugia, B.Sc. Biology & Chemistry, M.Sc. Biology, Ph.D. (Plymouth)	Direttur (Kontroll tas-Sajd), Diviżjoni ta' Regolamentazzjoni u l-Kontroll tal-Ħut u l-Biedja *Director (Fisheries Control), Fish and Farming Regulation & Control Division*	17.04.2009
MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI, KULTURA, ŻGĦAŻAGĦ U SPORT *MINISTRY OF EDUCATION, CULTURE, YOUTH AND SPORT*		
Mr Robert Tabone, B. A. (Hons.)	Direttur (Żvilupp ta' *Policy* u Implimentazzjoni tal-Programmi) *Director (Policy Development and Programme Implementation)*	17.07.2009

Mr Mario Azzopardi, B.A. (Educ.) (Hons.), Dip. Educ. (Adm. & Mgt.).	Direttur (Tagħlim tul il-Ħajja) *Director (Lifelong Learning)*	3.06.2009

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI
MINISTRY FOR SOCIAL POLICY

Mr George Sultana, M.Sc. (Manch.) (UK) HRMD, Dip. Mgt. Studies, Dip Lab. Studies	Direttur (Żvilupp ta' Politika Soċjali u Affarijiet tal-Unjoni Ewropea – Affarijiet Soċjali), Diviżjoni Strateġija u Sostenibilità *Director (Policy Development and EU Affairs – Social Affairs),* *Strategy and Sustainability Division*	17.04.2009

MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U INVESTIMENT
MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT

Mr Leonard Sacco, M.B.A., B.A. (Hons.) Business Management	Direttur (Uffiċċju tal-*Budget*), Diviżjoni tal-Affarijiet tal-*Budget* *Director (Budget Office),* *Budget Affairs Division*	3.06.2009
Mr Aldo Farrugia, M.A. Diplomatic Studies, B.A. (Hons.) Accountancy, C.P.A.	Direttur (Taxxa Internazzjoni), Diviżjoni tat-Taxxi Interni *Director (International Taxation), Inland Revenue Division*	3.06.2009

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN
MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Mr Publio Agius, Dip. Business Law and Accounting	Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni), Dipartiment tal-Pulizija, Diviżjoni tal-Operat *Director (Finance and Administration), Police Department, Operations Division*	3.06.2009

Is-6 ta' Ottubru, 2009

6th October, 2009

Nru. 771

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 771

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Infrastructure, Transport and Communications has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Noel Attard	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	13 - 17.10.2009

Is-6 ta' Ottubru, 2009

6th October, 2009

Nru. 772

KUMMISSJONI NAZZJONALI GĦALL-FAMILJA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li l-Ministru għall-Politika Soċjali ħatar il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Familja, b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Alexander Spiteri, B.Ed. (Hons.) M.A. (Appl. Ling)

Viċi Chairperson
Rev. Fr. Dott. Charles Tabone O.P., S.Th.L.&Lic (Ang.), Sc.Soc.D. (Ang.)

Membri
Dott. Angela Abela, B.A., M.Sc.T. (ParisNord), L.Psych. (Sorbonne), Ph.D. (Lond)
Ms Helen Farrugia Randon
Ms Vicky Gauci, SROT, M.Sc
Dott. Anton Grech, M.D., M.Sc. (Psych), M.R.C. Psych (UK)
Dott. George Grech, M.D., M.R.C.S. (Engl.), L.R.C.P. (Lond.)
Dott. Godwin Grima, B.A. (Rel.Stud), LL.D., L.T.C.L.
Dott. Anthony Rutter Giappone, B.A., LL.D.
Ms Joyce Sciberras, Dip.Soc. Wk., Dip. Gestalt Psychotherapy
Ms Gladys Vella, Dip.Mangt.Stud.

Segretarju
Ms Lorraine Sultana

Is-6 ta' Ottubru, 2009

No. 772

NATIONAL COMMISSION FOR THE FAMILY

IT is notified for general information that the Minister for Social Policy has appointed the National Commission for the Family from 1st July 2009 up to the 31st December 2009, as follows:

Chairperson
Is-Sur Alexander Spiteri, B.Ed. (Hons.) M.A. (Appl. Ling)

Deputy Chairperson
Rev. Fr. Dott. Charles Tabone O.P., S.Th.L.&Lic (Ang.), Sc.Soc.D. (Ang.)

Membri
Dr Angela Abela, B.A., M.Sc.T. (ParisNord), L.Psych. (Sorbonne), Ph.D. (Lond)
Ms Helen Farrugia Randon
Ms Vicky Gauci, SROT, M.Sc
Dr Anton Grech, M.D., M.Sc. (Psych), M.R.C. Psych (UK)
Dr George Grech, M.D., M.R.C.S. (Engl.), L.R.C.P. (Lond.)
Dr Godwin Grima, B.A. (Rel.Stud), LL.D., L.T.C.L.
Dr Anthony Rutter Giappone, B.A., LL.D.
Ms Joyce Sciberras, Dip.Soc. Wk., Dip. Gestalt Psychotherapy
Ms Gladys Vella, Dip.Mangt.Stud.

Secretary
Ms Lorraine Sultana

6th October, 2009

Nru. 773

KUMITAT TAL-APPROVAZZJONI DWAR SPEĊJALISTI

NGĦARRFU li l-uffiċjal hawn taħt imsemmi nħatar Reġistratur tal-Kumitat tal-Approvazzjoni Dwar Speċjalisti skont Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464), b'seħħ mill-4 ta' Mejju 2009.

Gordon Cachia

It-2 ta' Ottubru 2009
MHEC 119/04

No. 773

SPECIALISTS ACCREDITATION COMMITTEE

IT is notified that the following officer has been appointed Registrar of the Specialists Accreditation Committee in terms of Article 6 of the First Schedule of the Health Care Professions Act (Cap. 464), with effect from 4th May 2009.

Gordon Cachia

2nd October, 2009

Nru. 774

KUNSILL MEDIKU

NGĦARRFU illi l-uffiċjal hawn taħt imsemmija nħatret Reġistratur tal-Kunsill Mediku skont Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464), b'seħħ mis-7 ta' Settembru 2009.

Ms Svetlana Cachia

It-2 ta' Ottubru 2009
MH 216/2003
PS 42/97

No. 774

MEDICAL COUNCIL

IT is notified that the following officer has been appointed Registrar of the Medical Council in terms of Article 6 of the First Schedule of the Health Care Professions Act (Cap. 464), with effect from 7th September 2009.

Ms Svetlana Cachia

2nd October 2009

Nru. 775

KUNSILL TAL-INFERMIERA U L-QWIEBEL

NGĦARRFU illi l-uffiċjal hawn taħt imsemmija nħatret Reġistratur tal-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel skont Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464), b'seħħ mill-10 ta' Ġunju 2009.

Ms Claudette Farrugia

It-2 ta' Ottubru 2009
MH 218/2003

No. 775

COUNCIL FOR NURSES AND MIDWIVES

IT is notified that the following officer has been appointed Registrar of the Council for Nurses and Midwives in terms of Article 6 of the First Schedule of the Health Care Professions Act (Cap. 464), with effect from 10th June 2009.

Ms Claudette Farrugia

2nd October 2009

Nru. 776

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TAL-AMBJENT
(Kap. 435)

Regolamenti tal-2005 dwar Stima Ambjentali Strateġika

Avviż dwar Stima Ambjentali Strateġika fuq l-Ewwel Reviżjoni tal-Istrateġija dwar l-Immaniġġar tal-Iskart Solidu

Il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali javża li nħarġet l-ewwel reviżjoni tar-Rapport Ambjentali konness mal-ewwel Reviżjoni tal-Istrateġija dwar l-Immaniġġar ta' l-Iskart Solidu u dan ġie sottomess lit-Tim ta' Verifika ta' l-Istimi Ambjentali Strateġiċi.

Membri tal-pubbliku jistgħu jaraw kopja tar-rapport fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Floriana jew iniżżlu kopja elettronika minn www.wastestrategy.gov.mt.

Kull min jixtieq jibgħat kummenti dwar dan ir-rapport għandu jikteb liċ-*Chairman*, Tim ta' Verifika tal-Istimi Ambjentali Strateġiċi, Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Auberge D'Italie, Valletta jew bl-*email* lill sea_audit_team@gov.mt mhux aktar tard mill-24 ta' Novembru, 2009.

Is-6 ta' Ottubru, 2009

No. 776

ENVIRONMENT PROTECTION ACT
(Cap. 435)

Strategic Environmental Assessment Regulations, 2005

Notice of Strategic Environmental Assessment of the First Revised Edition of the Solid Waste Management Strategy

The Ministry for Resources and Rural Affairs gives notice that the Revised Environmental Report pertaining to the Revised Edition of the Solid Waste Management Strategy has been submitted to the Strategic Environmental Assessment Audit Team.

Members of the public may view a copy of the report at the Ministry of Resources and Rural Affairs in Floriana or obtain it electronically from www.wastestrategy.gov.mt

Anyone who wishes to make representations about this report should write by not later than 24th November, 2009 to the Chairman, Strategic Environmental Assessment Audit Team, Office of the Permanent Secretary, Office of the Prime Minister, Auberge D'Italie, Valletta or by email to sea_audit_team@gov.mt

6th October, 2009

Nru. 777

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold Grams*	*Pure Silver Grams*
06. 10. 09	€22.283	€0.382

Is-6 ta' Ottubru, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *House Surgeon (Dentistry)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *House Surgeon (Dentistry)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2. Is-salarju ta' *House Surgeon (Dentistry)* ikun ta' €15,873 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €447.17 sa massimu ta' €18,556 (Skala ta' Salarju 9).

3.1. Il-ħatra ta' *House Surgeon (Dentistry)* tkun fuq bażi ta' kuntratt ta' sentejn, bi prova għal sena u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna nominata tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata tkun trid tgħin fl-għotja ta' kura

No. 777

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

6th October, 2009

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of House Surgeon (Dentistry) in the Ministry for Social Policy (Health)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the posts of House Surgeon (Dentistry) in the Ministry for Social Policy (Health).

2. The salary for the post of House Surgeon (Dentistry) is €15,873 per annum rising by annual increments of €447.17 up to a maximum of €18,556 (Salary Scale 9).

3.1. The appointment of a House Surgeon (Dentistry) shall be on the basis of a two-year contract, subject to a probationary period of one year and subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be required to assist in the delivery

tas-saħħa fl-isptarijiet u f'*health care settings* varji tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea; jew

ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

u jkollhom isimhom imniżżel fil-lista tar-reġistrazzjoni proviżorja miżmuma mill-Kunsill Mediku ta' Malta skont Artiklu 12(1) sub-artiklu 4 tal-*Health Care Professions Act Cap*. 464;

JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi li mhumiex inklużi taħt paragrafu 5a(i), hawn fuq u li jkollhom isimhom inkluż fir-reġistru miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta għal perjodu ta' sentejn skont Artiklu 12(1) sub-artiklu 4 tal-*Health Care Professions Act Cap*. 464.

Il-ħatra ta' kandidati li m'humiex ċittadini ta' Malta hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża.

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li ma jkollhomx xi reġistrazzjoni msemmija f'paragrafu 5(a) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija reġistrazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2009 u bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(b) u 5(c). Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija reġistrazzjoni qabel ma jingħataw il-ħatra.

of health care in the hospitals and various health care settings of the Ministry for Social Policy (Health).

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta; or

citizens of another European Union Member State; or

citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

and have their name entered in the list of provisional registration kept by the Medical Council of Malta in terms of Article 12(1) sub-article 4 of the Health Care Professions Act Cap. 464;

OR

(ii) be citizens of countries not included in paragraph 5a (i) above and whose name is included in the register kept by the Medical Council of Malta for a period of two years in terms of Article 12(1) sub-article 4 of the Health Care Professions Act Cap. 464.

The appointment of candidates who are not citizens of Malta would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages.

c) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.1. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of any of the registrations mentioned in paragraph 5(a) above provided they produce evidence that they would qualify for such registration by 31 December 2009 and provided that they satisfy the requirements in paragraphs 5(b) and 5(c). If selected, such candidates must obtain the said registration before appointment.

6.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara li tkun ġiet eżawrita l-lista tal-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skont paragrafu 5, dejjem jekk ikun għad baqa' postijiet vakanti.

6.2. Successful applicants under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful applicants under paragraph 5 has been exhausted, provided vacancies are available.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet specjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to the NCPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew tintbagħat separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (eskluži kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage),* li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons

ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat tal-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru 2009.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru

beyond their control, may request an extension of this time-limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Social Policy (Health).

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Health), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 30th October 2009.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 30th October 2009 may be considered provided that

2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-6 ta' Ottubru, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Pharmacy Technician* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Pharmacy Technician* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2.1 Is-salarju ta' *Pharmacy Technician* ikun ta' €12,376 fis-sena li jiżdied b' €335.50 fis-sena sa massimu ta' €14,389 (Skala ta' Salarju Nru. 13).

2.2. Persuna fil-grad ta' *Pharmacy Technician* titla' fi Skala ta' Salarju Nru. 12 b'salarju ta' €13,182 fis-sena li jiżdied b'€354.17 fis-sena sa massimu ta' €15,307 wara li tagħlaq ħames snin servizz bħala *Pharmacy Technician* fi Skala 13, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Pharmacy Technician* jinkludu:

all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Social Policy (Health) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Ministry for Social Policy (Health) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) within seven (7) days.

6th October, 2009

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Pharmacy Technician in the Ministry for Social Policy (Health)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the posts of Pharmacy Technician in the Ministry for Social Policy (Health).

2.1 The post of Pharmacy Technician carries a salary of €12,376 per annum rising by annual increments of €335.50 up to a maximum of €14,389 (Salary Scale 13).

2.2. A Pharmacy Technician will proceed to Salary Scale No. 12 with a salary of €13,182 per annum rising by annual increments of €354.17 up to a maximum of €15,307 on completion of five years service as Pharmacy Technician in Salary Scale 13, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Pharmacy Technician include :

(a) tqassim ta' mediċinali;

(b) xogħol konness maż-żamma tal-imħażen, jiġifieri li tordna, tirċievi, tieħu ħsieb u tqassam il-ħażniet farmaċewtiċi li jinkludu li tiċċekkja l-konsum kif ukoll l-iskadenza tagħhom, il-kundizzjonijiet fejn jinżammu l-mediċinali, *stock taking*, eċċ.;

(ċ) preparazzjoni ta' *extemporaneous pharmaceuticals* bħal taħlit ta' misturi eċċ.;

(d) produzzjoni bi kwantità kbira ta' farmaċewtiċi li jinkludu *sterile preparations* bħal *intravenous infusions,* disinfettanti, eċċ.;

(e) xiri ta' prodotti farmaċewtiċi, kif ukoll iċċekkjar tal-konsum tagħhom, u tara li jkollha kunsinna adekwata tagħhom f'kull ħin;

(f) xogħol ta' skrivan relatat ma' servizzi farmaċewtiċi;

(g) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mill-*Personnel Section*, (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

(a) dispensing of pharmaceuticals;

(b) upkeep of stores, i.e. ordering, receipt, maintenance and supply of pharmaceutical stocks, including monitoring of stock turnover and expiry dates, storage conditions, stock taking etc.;

(c) preparation of extemporaneous pharmaceuticals e.g. compounding of mixtures, suspensions, etc.;

(d) large scale production of pharmaceuticals, including sterile preparations e.g. intravenous infusions, disinfectants, etc.;

(e) procurement of pharmaceuticals, including monitoring of consumptions, and ensuring adequate stocks at all times;

(f) clerical duties related to the pharmaceuticals services;

(g) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Social Policy (Health).

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom, jew ġew approvati biex jingħataw, *Diploma* fil-*Pharmacy Technology* miksuba wara l-kors ta' taħriġ organizzat mill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa), jew ċertifikat fil-*Pharmaceutical Technology* miksub wara l-kors ta' taħriġ organizzat mill-*Institute of Health Care* tal-Università ta' Malta, jew kwalifika oħra komparabbli xierqa rikonoxxuta mill-Kunsill tal-Farmaċija (Malta);

d) ikunu rreġistrati bħala *Pharmacy Technicians* fir-Reġistru tal-Kunsill tal-Farmaċija (Malta);

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti qabel u jagħtu d-dettalji).

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet specjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

7.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li se jikkwalifikaw fil-*Pharmaceutical Technology* fis-sena 2009 bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a), (b) u (e). Jekk jintgħażlu dawn

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession, or have been approved for the award, of the Diploma in Pharmacy Technology obtained after the course of training organised by the Ministry for Social Policy (Health), or the certificate in Pharmaceutical Technology obtained after the course of training organised by the Institute of Health Care, University of Malta, or other appropriate comparable qualification recognized as such by the Pharmacy Council (Malta);

d) be registered as Pharmacy Technicians on the Register of the Pharmacy Council (Malta);

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to the NCPD.

7.1. Applications will also be considered from candidates who will be qualifying in Pharmaceutical Technology in the year 2009 provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5(a), (b) and (e). If selected, such candidates

il-kandidati jridu juru ċ-Ċertifikat ta' reġistrazzjoni indikati f'paragrafu 5(d) qabel ma jingħataw il-ħatra.

7.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara li tkun ġiet eżawrita l-lista tal-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skont paragrafu 5 dejjem jekk ikun għad baqa postijiet vakanti.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage),* li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat tal-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat

must produce the Certificate of registration indicated in paragraph 5(d) before appointment.

7.2. Successful applicants under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful applicants under paragraph 5 has been exhausted, provided vacancies are available.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time-limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Social Policy (Health).

9.3. A notification of the issue of the result will be duly

fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

